MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 286/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giovanni Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giovanni Micallef talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2000 u fix-xhur ta' wara, fiz-Zurrieq u f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal tal-Pulizija u ufficjal pubbliku kkommetta s-sussegwenti reati kriminali meta kien fid-dmir li jissorvelja biex dawn ir-reati ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir li jinpedixxi milli jsiru:

(1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elf mitejn u sittin liri Maltin ghad-dannu ta' Maria Farrugia miz-Zurrieq, liema somma

giet fdata lilu jew ikkonsennata lilu taht titolu li jgib mieghu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnha specifikat;

(2) Fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmem l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf mitejn u sittin liri Maltin ghad-dannu ta' Maria Farrugia;

(3) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi fil-kariga tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, u ufficjal pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga s-somma ta' elf mitejn u sittin liri Maltin minghand Maria Farrugia dak li l-ligi ma tippermettix, li sar b'theddid jew b'abbuz ta' awtorita`.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija timponi l-interdizzjoni lill-imsemmi Giovanni Micallef;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309, 310, 141, 112, 113, 31, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Giovanni Micallef hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Giovanni Micallefipprezentat fil-25 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti timmodifika u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija fir-rigward tar-reati dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fir-rigward tal-piena nflitta billi thassar il-piena karcerarja ta' sentejn u taghtih piena ohra mhux leziva tal-liberta` personali tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant isostni illi huwa wera s-soghba tieghu ghall-akkadut u ammetta bil-ghan li jiffacilita x-xoghol tal-Qorti u bhala turija konkreta tad-dispjacir tieghu; ghalhekk ma jhossx illi l-ewwel Qorti kelha titkellem dwar "il-gravita` enormi tar-reati minnu kommessi, in kwantu ufficjal tal-Pulizija". L-appellant jghid illi gew kazijiet aktar serji quddiem dawn il-Qrati fejn il-piena nflitta kienet dik ta' sentenza sospiza. Jghid ukoll illi ghandu fedina penali netta u dan il-fatt kellu jopera favur tieghu. Huwa kkoopera mal-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni kif jidher mill-istqarrija. Bhalissa qieghed joqghod go fond mikri Lm100 fix-xahar u jekk jidhol fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ikollu jaghti c-cavetta lura lis-sid u jisfa minghajr abitazzjoni kif ukoll bla saqaf fuq rasu meta johrog. Huwa separat minn martu li abbandunat lil binthom li tinsab taghmel programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga f'Santa Maria. Hu biss imur jinvistaha regolarment, haga li ma jkunx jista' jaghmel jekk ikun fl-imsemmija Facilita`, u dan ikun ta' dannu kemm ghaliha kif ukoll ghalih.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Issa, l-appellant jghid illi huwa ammetta sabiex jiffacilita x-xoghol tal-Qorti u juri d-dispjacir tieghu ghall-akkadut. Minn ezami ta' l-atti jirrizulta illi meta l-appellant gie interrogat mill-ufficjal prosekutur, huwa ammetta li kien ircieva xi flus minghand certa Maria Farrugia izda li dan ghamlu biex jghaddihom lil persuna ohra li kellha taghmel investigazzjonijiet dwar il-hruq tar-razzett ta' l-imsemmija Maria Farrugia u ma ammetta li kien ikkommetta l-ebda reat. Meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-fatt huwa ddikjara li ma kienx hati

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu. Kien biss waqt it-trattazzjoni finali illi d-difensur ta’ l-appellant stqarr li l-appellant ma kienx qieghed jikkontesta l-fatti. Jigifieri l-appellant ma setax u ma jistax l-anqas issa jippretendi xi tnaqqis fil-piena minhabba l-ammissjoni tieghu. Anke fejn hemm ammissjoni bikrija skond gurisprudenza kostanti, mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

Is-sitwazzjoni familjari ta’ l-appellant imbaghad ftit li xejn hi ta’ rilevanza f’dan il-kaz. Hawn hafna nies li jsibu ruhhom f’diffikultajiet finanzjarji u ma jirrikorrux ghall-mezzi illeciti li rrikorra ghalihom l-appellant. Kwantu ghall-fedina penali ta’ l-appellant, huwa minnu illi meta sehh dan il-kaz il-fedina penali tieghu kienet ghal kollox netta. Sfortunatament ma baqghetx hekk peress illi mill-fedina penali aggornata jirrizulta, almenu *prima facie*, li wara dan il-kaz instab hati mill-anqas erba’ darbiet ohra dwar reati simili.

Dak li ghamel l-appellant ghamlu meta kien pulizija u ghalhekk, kif korrettement osservat l-ewwel Qorti ghandu jitqies gravi proprju minhabba l-uniformi tieghu. Din il-Qorti temmen li jekk reati bhal dawn, kommessi minn ufficjali tal-pulizija, ma jigux trattati bis-serjeta` u bis-severita` li jisthoqqilhom, facilment is-socjeta` taqbad it-triq ghan-nizla b’mod li anke aberrazzjonijiet aktar gravi jistghu jispiccaw ikunu r-regola flok l-eccezzjoni u jibqghu mhux puniti. Ghalhekk f’dan il-kaz il-Qorti temmen li ghandu jkun hemm piena ta’ prigunerija. Pero`, ghalkemm il-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi, irid jigi sottolinejat illi l-piena applikabbli kienet dik vigenti fiz-zmien li gew kommessi r-reati addebitati lill-appellant u mhux dawk <u>oghla</u> li gew introdotti bis-sahha ta’ l-Att III tas-sena 2002. Mis-sentenza appellata ma jirrizultax li dan il-fattur gie nnotat mill-ewwel Qorti meta giet biex timponi l-piena. Barra minn hekk l-ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn ir-reat ta’ mizappropjazzjoni u r-reat ta’ frodi b’ghemil qarrieqi u jekk kellhomx japplikaw jew le l-artikoli 112 u 113 tal-Kodici Kriminali izda sabitu hati ta’ kollox – ovvjament in vista tad-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur ta’ l-appellant fl-ahhar seduta quddiem l-ewwel Qorti li l-appellant (allura

imputat) “ma jixtieqx jikkontesta l-fatti.” Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fl-apprezzament tal-provi sabiex tiddetermina hi liema minn dawn l-imputazzjonijiet kienu fil-fatt applikabbli ghall-kaz peress illi ma hemm l-ebda aggravju dwar dan stante li l-appellant appella biss mill-piena. Izda dawn huma fatturi li jippezaw fuq id-decizjoni finali li sejra tiehu din il-Qorti. Bhalma jippeza l-fatt li l-vittma f’dan il-kaz, Maria Farrugia, irceviet ir-*restitutio in integro* xahrejn biss wara li nbdew dawn il-proceduri kontra l-appellant. Inoltre peress illi jirrizulta li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Gunju 2007 jirrizulta li l-appellant tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin, ikun opportun li kemm jista’ jkun ix-xoghol li qieghed jitwettaq ma jkunx interrot.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn b’effett immedjat u minflok tikkundannah ghal perijodu ta’ prigunerija ta’ disa’ xhur b’dan li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tordna notifika ta’ din is-sentenza ghall-informazzjoni ta’ l-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------